**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 41/21/F

**David u Janice Camilleri**

**vs**

**Deckor Ltd.**

Illum, 23 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-9 ta' Marzu 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fl-10 ta' Diċembru 2021;

Sema' x-xhieda tal-Partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentat;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma ta' elf, erba mija u ħamsin Euro (€1,450) rappreżentanti l-prezz li ħallsu għal sett bibien interni ordnati mingħand l-azjenda intimata li jsostnu huma difettużi. Għalhekk, qed jitolbu impliċitament il-ħall tal-bejgħ.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi d-difetti fil-bibien kienu ġejjin mill-manifattur u hija offriet l-aħjar rimedju fiċ-ċirkostanzi, u ċioè li l-bibien jiġu sostitwiti mingħajr ebda spejjeż u dan minkejja li skont l-azjenda intimata, id-difetti kienu affliġġenti biss żewġ bibien minn ħamsa.

Illi r-Rikorrenti Janice Camilleri Mifsud spjegat li waqt l-installazzjoni, deher li xi bibien minnhom qasmu mill-parti fejn taqbad iċ-ċappetta iżda huma kienu aċċettaw riduzzjoni ta' €80 mill-aħħar pagament dovut u f'dak l-istadju kienu disposti li jżommu l-bibien xortawaħda sabiex ma jikkomplikawx ruħhom l-affarijiet. Filwaqt li l-bibien in kwistjoni ġew konsenjati u installati fit-28 ta' Ottubru 2020, sa Jannar ta' wara, il-ħames bibien in kwistjoni kienu kollha qed jespandu tant li wieħed minnhom lanqas biss kien qed jingħalaq. Ir-Rikorrenti żżid tgħid li l-post fejn twaħħlu ma kienx għadu okkupat u għalhekk, huwa eskluż li kien hemm xi fattur kontributorju minn naħa tagħhom. Ġew ippreżentati in atti ritratti li juru kif il-bibien bdew jespandu mill-parti fejn ikun hemm is-serratura, liema difett jagħmilha diffiċli li l-bibien jagħlqu sewwa max-xambrella.

Illi mill-fatturi kollha eżaminati mit-Tribunal, partikolarment l-ammissjoni tal-azjenda intimata stess fir-Risposta li "d-difetti tal-bibien kienu ġejjin mill-produzzjoni tagħhom" kif ukoll ir-ritratti eżebiti mir-Rikorrenti, ma hemm l-ebda dubju li l-bibien installati mill-azjenda intimata huma ta' kwalità manifestament inferjuri u allura mhux konformi ma ma dak li raġjonevolment kienu qed jistennew ir-Rikorrenti bħala Konsumaturi meta daħlu fil-ftehim mal-azjenda intimata.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi minn naħa tagħha, l-azjenda intimata ssostni li hija kienet disposta li tissostitwixxi l-bibien kompletament a spejjeż tagħha u li allura, dak li offriet hi huwa rimedju aktar idoneju mir-reżoluzzjoni tal-kuntratt. Verament, ma jistax ma jingħadx li kien hemm grad ta' rieda tajba minn naħa tal-azjenda intimata iżda fl-istess waqt jiftem li tenut kont tal-fatt li l-bibien provduti manifestaw difetti tant gravi f'tant qasir żmien, ir-Rikorrenti tilfu l-fiduċja tagħhom fil-prodotti fornuti mill-azjenda intimata.

Illi r-Rikorrenti Janice Camilleri Mifsud xehdet li "iva ridna rifużjoni tal-flus, li jinqalgħu il-bibien u nieħdu l-flus lura". Jirriżulta għalhekk li dak li qed jitolbu r-Rikorrenti jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi u fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talba għat-terminazzjoni tal-kuntratt.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li l-bibien in kwistjoni huma afflitti minn difetti ossija nuqqas ta' konformità:**

**i)Jikkundanna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrenti is-somma ta' elf, erba mija u ħamsin Euro (€1,450) hekk kif mitlub;**

**ii)Jordna lill-azjenda intimata sabiex ladarba jsir il-ħlas, taqla' u tneħħi l-bibien in kwistjoni mill-fond tar-Rikorrenti a spejjeż esklussivi tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu interament a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***